# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Gunju, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 814/12/1 SM**

**Ian Borg u Nicola Warwick**

**v.**

**Tabib Principali tal-Gvern u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat ta' Ian Borg u Nicola Warwickipprezentat fl-14 ta' Awwissu, 2012, li permezz tieghu nghad hekk:

> "Illi r-rikorrenti huma l-genituri tat-tarbija tifel Reece Warwick Borg detentur tal-karta tal-identita 283207 (L) fit-tlieta (3) ta' Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007).
>
> Illi l-istess tifel miet l-isptar Mater Dei fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsigha (2009) u dan skont l-anness certifikat tal-mewt anness u market Dok A.

Illi mill-awtopsja rrizulta li l-kawza tal-mewt ta’ binhom kienet pneumonia.

Illi r-rikorrenti jikkontendu li meta binhom kienu dahluh l-isptar fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) ghal habta tas-satejn u nofs ta’ filghodu (2.30am) minhabba li zviluppa croup u kellu problem ta’ wheezing man-nifs, it-tifel lanqas biss gie ezaminat u intbaghat d-dar mit-tabib Mark Buttigieg li ppreskrivilu ‘suppositorji ta’ Rectrodelt 35mg tds, cough syrup u paracetamol;

Illi l-atturi rikorrenti gharfu lit-tabib Mark Buttigieg li binhom ma kienx tad-dar izda l-istess tabib baqa jinsisti li ma kienx kaz ta’ sptar;

Illi ghalkemm r-rikorrenti tawh l-medicina preskritta lit-tifel, l-kondizzjoni ta’ nifs ta’ binhom marret ghall-aghar u tlett ijiem wara miet u l-kawza tal-mewt giet certifikata li hija ‘pneumonia’.

Illi l-intimati jew min minnhom damu ma hargu c-certifikat tal-mewt komplut u harguh wara ghaxar (10) xhur mill-mewt ta’ binhom u ghalhekk l-esponenti kellhom jistennew ghaxar (10) xhur biex jirregistraw l-mewt ta’ binhom u dan wara li lmentaw mal-ufficju tal-Ombudsman.

Illi r-rikorrenti jikkontendu li dan gara minhabba l-mod negligenti u traskurat li bih gie trattat binhom fl-isptar Mater Dei;

Billi l-konvenut intimat Tabib Principali tal-Gvern gie msejjah biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni izda baqa inadempjenti u qed tigi annessa kopja legali tal-ittra ufficjali li qed tigi annessa u markata Dok B.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex l-konvenuti intimate jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti t-Tabib Principali tal-Gvern jahti ghal-mewt ta’ binhom Reece Warwick Borg li grat fl-isptar Mater Dei fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009).

2. Tillikwida d-danni

3. Tikkundanna lil konvenut t-Tabib Principali tal-Gvern ihallas d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti in subizzjoni”.

2. Rat ir-risposta guramentata tat-Tabib Principali tal-Gvern,ypprezentata fl-4 ta' Ottubru, 2012, li permezz taghha gie eccepit:

> "Illi preliminarjament ir-rikorrenti intimate Tabib Principali tal-Gvern u l-Avukat Generali ma humiex legittimi kontradditturi u ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi il-lanjanza tal-atturi tirrigwarda allegat agir kliniku liema agir ma jirrispondux ghalih ir-rikorrenti intimati.
>
> Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess ir-rikorrent intimat Tabib Principali tal-Gvern ghandu l-obbligu u d-dmir illi jipprovdi servizz tas-sahha tajjeb, imhaddem b'persunal kompetenti u mharreg. Ebda accenn fir-rikors promotur ma sar mill-atturi rigward l-allegat ksur o meno ta' dan l-obbligu u dmir u ghalhekk dan l-intimat ma jirrispondix ghad-danni allegati u pretizi mill-atturi stante illi fi kwalsiasi kaz dawn ma grawx tort tieghu.
>
> Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess l-ebda dannu allegat u pretiz mill-atturi ma huwa imputtabli ghal xi agir jew nuqqas de parti ta' dawn l-intimati ghalhekk il-pretensjoni ta' danni fil-konfront taghhom hija infondata fil-fatt u fid-dritt.
>
> Illi fi kwalsiasi kaz, minghajr ebda pregudizzju ghal premess, il-mewt tat-tarbija ma sehhitx tort ta' xi nuqqas de parti tar-rikorrenti intimati stante li d-decizjonijiet klinici li ttiehdu fil-kaz de quo kienu decizjonijiet tajba fic-cirkostanzi.
>
> Illi kuntrarju ghal dak allegat ic-certifikat maghruf bhala "*cause of death*" seta biss jimtela mit-tobba forensici u mhux pretiz mill-atturi u dana stante li f'dan il-kaz saret awtopsja ordnata mill-Magistrat.
>
> Salv eccezzjonijiet ohra".

3. Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali tat-8 ta' Ottubru, 2012, li permezz taghha eccepixxa:

> "1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontraddittur fl-azzjoni odjerna a tenur tal-Kap 181B tal-Kap 12 u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fit-tieni lok u dejjem in linea preliminari, ir-rikors in risposta huwa irritu u null in kwantu, karenti mill-formalitajiet li jirrikjedi l-artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jichad l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu prezentati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

4. Illi t-Tabib Principali tal-Gvern ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi servizz tas-sahha tajjeb, imhaddem b'persunal kumpetenti u mharreg. Ebda accenn fir-rikors promotur ma sar mill-attrici rigward l-allegat ksur o meno ta' dan l-obbligu u dmir u ghalhekk dan l-intimat ma jirrispondix ghad-danni allegati u pretizi mill-atturi stante li fi kwalsiasi kaz dawn ma grawx tort tieghu;

5. Illi subordinament u dejjem minghajr pregudizzju ghal premess l-ebda dannu allegat u pretiz mill-atturi ma huwa imputabbli ghal xi agir jew nuqqas da parti tal-intimati ghalhekk il-pretensjoni ta' danni fil-konfront taghhom hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi fi kwalsiasi kaz, il-mewt tat-tarbija ma sehhitx tort ta' xi nuqqas da parti tal-intimati stante li d-decizjonijiet klinici li ttiehdu fil-kaz de quo kienu decizjonijiet tajba fic-cirkostanzi;

7. Illi kuntrarju ghal dak allegat, ic-certifikat maghruf bhala '*cause of death'* seta biss jimtela mit-tobba forensici u mhux kif pretiz mill-atturi u dan stante li f'dan il-kaz saret awtopsja ordnata mill-Magistrat;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent jopponi t-talbiet attrici u bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom".

4. Rat in-nota tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern tal-10 ta' Marzu, 2016, li permezz taghha rrileva li huwa qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Dicembru, 2016, li permezz taghha giet deciza l-eccezzjoni ulterjuri ta' natura preliminari, fis-sens illi laqghet ir-risposta mressqa mill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern rigwardanti l-preskrizzjoni tas-sentejn ghall-finijiet tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, iddikjarat l-azzjoni preskritta u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz. Konsidrat in-natura sensittiva tal-kaz l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat:
>
> 5. Illi ghalhekk din hi sentenza preliminari rigwardanti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hekk sollevata mill-intimat fuq riferit, (ara foll 386 u 390);
>
> Ikkunsidrat:
>
> 6.0. Illi minn ezami tar-rizultanzi prodotti in atti jirrizulta sintetikament is-segwenti:
>
> 6.1. Illi iben ir-rikorrenti miet fl-eta` tenera ta' sena (1) u erba' (4) xhur waqt li kien rikoverat l-isptar Mater Dei fis-27 ta' Dicembru, 2008, (mhux 2009 kif erroneament indikat mir-rikorrenti fir-rikors promotur, (ara foll 1, foll 3 u foll 387 fejn l-istess rikorrenti jirrikonoxxu dan);
>
> 6.2. Illi r-rikorrenti jippremettu li meta huma dahhlu lil binhom l-isptar fl-24 ta' Dicembru, 2008, (mhux 2009 kif isosstnu fl-istess rikors promotur taghhom a foll 1), bil-kondizzjoni "croup" – groppa – kellu problemi ta' tharir tan-nifs, u minghajr ma gie` ezaminat, intbaghat id-dar mit-tabib hemm indikat li ippreskrivielu suppozitorji, gulepp tas-soghla u paracetamol, (ara foll 1);
>
> 6.3. Illi ghalkemm l-istess genituri rikorrenti gibdu l-attenzjoni tal-istess tabib li binhom ma kienx f'sitwazzjoni tali li kellu jintbghat id-dar, l-istess tabib baqa' jinsisti li s-sitwazzjoni li iben ir-rikorrenti kien fiha ma kienitx tiggustifika li dan ikun rikoverat, (ara foll 1);

6.4. Illi ghalhekk kienu kostretti jiehdu lil binhom l-isptar fejn issomministrawlu l-medicina lilu preskritta, (ara foll 1);

6.5. Illi nonostante li ssomministraw lil binhom il-medicina lilu preskritta, l-kundizzjoni ta' binhom marret ghal-aghar u konsegwentement miet fis-27 ta' Dicembru, 2008, (ara foll 1 u 3);

6.6. Illi skont ic-certifikat tal-mewt debitament rilaxxat fir-rigward iben ir-rikorrenti miet bil-kawzi kif elenkati fl-ahhar kolonna tal-istess certifikat, (ara foll 3);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-intimat Tabib Principali tal-Gvern jeccepixxi li l-azzjoni odjerna hi preskritta ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u sintetikament, fir-rigward isosstni s-segwenti:

7.1. Illi kull terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri minn dakinhar tal-incident li minnu tkun qed tigi lamentata l-hsara riskontrata;

7.2. Illi tali dekorrenza tibda minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss;

7.3. Illi f'dan ir-rigward l-artiklu 2137 tal-istess Kap 16 fuq riferit jistabbilixxi s-segwenti:

> "*Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss"*

Ikkunsidrat:

8.0. Illi f'dan ir-rigward ghandu preliminarjament jinghad sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi l-intimat in dizamina ghazel li jissolleva din l-eccezzjoni partikolari fuq riferita, (ara paragrafu numru seba' punt zero, (7.0.), aktar qabel), fl-istadju finali ta' din il-procedura, (ara foll 376), erba' snin u nofs, (4 ½ ), wara li kienet giet intavolata l-procedura in dizamina;

8.2. Illi ghalkemm din it-tardivita` riskontrata, tidher odjuza, molto piu` meta l-istess procedura kienet anke issa wasslet fl-ahhar fazi taghha, il-prezentata tal-eccezzjoni hekk sollevata ma tistax tigi respinta, u dan stante dak stabbilit fl-artiklu 2112 tal-istess Kap 16 fuq riferit li jistabbilixxi li:

> "*L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza imqar fl-appell*";

8.3. Illi konsegwentement, nonostante t-tardivita` riskontrata f'dan ir-rigward, tali eccezzjoni hi legittimament sollevata u ghalhekk, il-qorti ma tistax ma tiehux konjezzjoni taghha, tippermettiha u tezaminha;

Ikkunsidrat:

9. Illi fid-dawl tas-suespost id-data ta' meta jirrizulta li sar id-decess in dizamina u d-data ta' meta giet intavolata l-kawza jew ta' l-anqas meta giet interrotta l-preskrizzjoni in dizamina jassumu importanza straordinarja;

10.0. Illi f'dan ir-rigward l-iter temporanju tal-fatti in dizamina jirrizultaw li kienu s-segwenti:

10.1. Illi iben ir-rikorrenti miet fis-27 ta' Dicembru, 2008, (ara certifikat tal-mewt a foll 3), u mhux 2009, (kif erroneament u ripetutament indikat mir-rikorrenti, ara foll 1, 2 u 16);

10.2. Illi r-rikorrenti jirrizulta li interpellaw lil-intimat u ohrajn biex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni rizultat tal-istess permezz t'ittra ufficcjali datata t-30 ta' Settembru, 2011, (ara foll 5);

10.3. Illi l-procedura odjerna giet intavolata fl-14 t'Awwissu, 2012, (ara foll 1);

10.4. Illi r-rikorrenti jsosstnu li ma setghux jirregistraw il-mewt ta' binhom ghaliex ma kienx ghad kellhom certifkat komplut tal-mewt tieghu, (ara foll 91);

10.5. Illi *di piu`,* jsosstnu li dan impedihom milli jintavolaw il-procedura in dizamina qabel ma gie rilaxxat l-istess certifikat;

10.6. Illi c-certifikat de quo gie rilaxxat fl-4 ta' Frar, 2010, (ara foll 3 u 133);

Ikkunsidrat:

11. Illi *nonostante* li certifkat ufficcjali komplut inhareg fid-data indikata fil-paragrafu precedenti, jirrizulta li proprju jumejn wara d-decess in dizamina inhareg certifikat tal-mewt fir-rigward, inklussiv ukoll il-kawzi tal-mewt tal-istess decuius, (ara foll 135 u 136);

Ikkunsidrat:

12. Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimat fuq indikat, l-artiklu 2153 tal-Kap 16 de quo jistabbilixxi s-segwenti:

> "*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn*";

13. Illi *di piu`* l-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti ghandu jittiehed flimkien mal-artiklu 2137 tal-istess Kap fuq gia` riferit, (ara paragrafu numru seba' punt tlieta, (7.3.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

14. Illi kif determinat fil-kawza fl-ismijiet Rose Gauci et vs. Mr Donald Felice et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata l-10 ta' Gunju, 2005, hawn si tratta ta' preskrizzjoni estintiva li hi intiza li tiddetermina l-perjodu estintiv partikolari bil-ghan li kwistjonijiet ma jithallux pendenti b'mod indeterminat, u dan, in vista tal-massima:

> "*vigilantibus non dormientibus iua succurrunt*";

Ikkunsidrat:

15. Illi f'dan ir-rigward li l-parti imharrka li qed tissolleva l-eccezzjoni in kwistjoni senjatament l-intimat Tabib Principali ta-Gvern, li jrid jipprova li r-rikorrenti skadielhom il-perjodu utili biex jintavolaw il-kawza, u dan, kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet Saliba Brothers Plumbing and Electrical Fitters Limited vs. Zammit Tabona, datata t-22 ta' Frar, 2006:

> *"... minn zmien min meta dik il-kawza setghet titressaq";*

Ikkunsidrat:

16.0. Illi fid-dawl tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti jista' jinghad is-segwenti:

16.1. Illi skont ir-rikorrenti t-terminu preskrittiv ghandu jibda jiddekorri mill-4 ta' Frar, 2010, (ara foll 3 u 133), senjatament id-data ta' meta inhareg ic-certifikat tal-mewt ufficcjali;

16.2. Illi tenut kont li l-procedura odjerna giet intavolata fl-14 t'Awwissu, 2012, il-perjodu preskrittiv, anke jekk ghall-grazzja tal-argument jittiehed li jibda jiddekorri mill-4 ta' Frar, 2010, xorta jirrizulta li jissupera l-perjodu preskrittiv u ghalhekk ghandu xorta wahda jirrizulta pacifiku li l-azzjoni odjerna giet intavolata wara t-terminu preskrittiv applikabbli;

16.3. Illi jirrizulta debitament assodat li r-rikorrenti messithom ix-xorti hazina li mhux biss jghaddu mit-trawma riskontrata izda jirrizulta li ssubew ukoll trattament xejn rispettuz f'mument meta minflok kienu qed jistennew empatija u sostenn u sahansitra kellhom anke jistennew diversi snin sakemm jottjenu certifikat tal-mewt ufficcjali li fih jigu elenkati l-kawzi tal-mewt in ezami, (ara foll 3);

16.4. Illi l-ezistenza ta' tali trawma u trattament kalluz xorta wahda ma jintitolawx lir-rikorrenti biex ma jimxux entro l-limiti preskritti mill-ligi biex jintavolaw il-procedura fi zmien utili statutorjament stabbilit;

16.5. Illi jirrizulta assodat, anke mill-ittra ufficcjali datata t-30 ta' Settembru, 2011, (ara foll 5), l-istess rikorrenti kienu jafu fil-konfront ta' min kellhom jintavolaw il-procedura odjerna;

16.6. Illi in vista tal-premess allura l-istess rikorrenti kienu jafu ben tajjeb kontra min kellhom jindirizzaw il-procedura in dizamina sa mill-bidu nett tas-saga li sfortunatament sabu ruhhom fiha intortament;

16.7. Illi in vista tas-suespost, ghandu jirrizulta pacifiku li z-zmien utili ghall-introduzzjoni tal-procedura odjerna beda jiddekorri mis-27 ta' Dicembru, 2008;

16.8. Illi c-certifikat tal-mewt in dizamina jirrizulta mehtieg biss biex il-mewt tad-*decuius* tigi debitament registrata u mhux biex tinfetah il-kawza ghad-danni bhal dik odjerna;

Ikkunsidrat:

17. Illi ghandu jkun pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna hu dak li tigi stabbilita responsabbilita` ghall-akkadut u konsegwentement ir-rikorrenti jigu risarciti d-danni subiti fir-rigward;

18. Illi tenut kont tal-fatti fuq elenkati fir-rigward tal-preskrizzjoni in dizamina jirrizulta li l-perjodu ta' sentejn (2) stabbilit permezz tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 *de quo* gie ghalhekk issuperat stante li l-procedura odjerna giet intavolata aktar minn sentejn (2) wara l-mewt tad-*decuius* in dizamina;

19. Illi kif ritenut fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Debono Developments Limited vs. Aldo u Marcon kunjugi Theuma, datata l-25 ta' Mejju, 2005:

> "*Illi gie stabbilit li l-preskrizzjoni mahsuba taht l-artiklu 2153 tibda tghaddi minn meta ssehh il-hsara bl-ghemil kolpuz u mhux minn meta l-parti li garrbet il-hsara tkun intebhet biha, u dan, ghaliex minn dakinhar li tkun sehhet il-hsara li l-azzjoni setghet u messha tinbeda*";

Ikkunsidrat:

20.0. Illi ghall-fini ta' kompletezza jigi sottolineat li l-perjodu preskrittiv ta' sentejn (2) jirrizulta superat:

20.1. Kemm jekk il-perjodu preskrittiv jittiehed kif jissuggerixxu l-istess rikorrenti mill-4 ta' Frar, 2010, id-data ta' meta dahal l-Att tal-mewt *de quo*, (ara foll 3);

20.2. Kemm jekk il-perjodu preskrittiv jttiehed mid-data tal-mewt tad-*decuius*, kif stabbilit fl-artiklu 2137 tal-Kap 16 fuq riferit, (ara paragrafu

> numru seba' punt tlieta, (7.3.), aktar qabel), senjatament is-27 ta' Dicembru, 2008, (ara foll 3);
>
> stante li fiz-zewg kazi l-perjodu ta' sentejn (2) kif stabbilit mill-artiklu 2153 tal-istess Kap jirrizultaw superati, (ara paragrafu numru tnax, (12.), aktar qabel);
>
> Ikkunsidrat:
>
> 21.0. Illi in vista tal-premess jirrizulta assodat li l-intimat Tabib Principali tal-Gvern ipprova r-risposta rigwardanti l-preskrizzjoni minnu sollevata…"

7. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi Ian Borg u Nicola Warwick, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti sabiex thassar tirrevoka u tannulla d-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-6 ta' Dicembru, 2016, fl-ismijiet premessi u tibghat lura l-atti ghall-kontinwazzjni tal-kawza, bl-ispejjez kontra l-appellanti (recte: appellati).

8. Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm moghtija sostna li s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Dicembru, 2016, fl-ismijiet premessi, hija wahda gusta u korretta u timmerita li tigi kkonfermata fis-shih.

9. Rat li d-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju, 2021, iddikjaraw li l-appell jista' jithalla ghas-sentenza.

10. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

11. Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi bhala genituri tal-wild taghhom Reece Borg, qeghdin iressqu azzjoni fil-konfront tal-konvenuti, peress li jinghad li t-Tabib Principali tal-Gvern huwa responsabbli ghad-danni meta t-tifel taghhom miet fis-27 ta' Dicembru, 2008, kawza ta' *pneumonia*. Dan wara li huma dahhlu lil binhom l-isptar fl-24 ta' Dicembru, 2008, minhabba li kellu problema tan-nifs, izda wara li t-tabib li ezaminah kitiblu xi medicini, baghtu d-dar, peress li ma qiesx li kien kaz li binhom kellu jigi rikoverat l-isptar. Minkejja li l-atturi taw il-medicini preskritti lil binhom, dan qaleb ghall-aghar u tliet ijiem wara miet. L-atturi jikkontendu li dan gara minhabba l-mod negligenti u traskurat li bih binhom gie trattat l-isptar Mater Dei. Il-konvenuti da parti taghhom isostnu li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti taghhom u fil-mori tal-proceduri, il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern eccepixxa li l-kawza hija preskritta, ghall-finijiet tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Permezz tas-sentenza taghha tas-6 ta' Dicembru, 2016, l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mit-Tabib Principali tal-Gvern u rriteniet li l-kawza kienet milquta bil-preskrizzjoni ta' sentejn ghall-finijiet tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 u li dan it-terminu beda jghodd mill-mewt tat-tifel, cioe` mis-27 ta' Dicembru, 2008.

13. L-atturi hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponew l-appell in ezami, li jissejjes fuq tliet aggravji principali:

(a) Fl-ewwel aggravju taghhom, l-appellanti jikkontendu li l-ewwel Qorti njorat in-nota tal-osservazzjonijiet taghhom fejn irrilevaw li l-preskrizzjoni f'dan il-kaz hija ta' hames snin u mhux ta' sentejn peress li d-danni huma "*ex contractu*" peress li gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni;

(b) Inoltre, l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra wkoll l-osservazzjoni li ghamlu fis-sens li ghalkemm f'dan il-kaz kien hemm inkjesta magisterjali li ma sabitx htija, il-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni jekk l-azzjoni tintlaqatx bl-Artikolu 2153 jew 2154 tal-Kap. 16, ma tiddependix minn jekk il-konvenut instabx hati jew le ta' dak ir-reat, izda jekk il-fatt attribwit lilu jinkwadrax fid-definizzjoni ta' reat jew le; u

(c) L-ahhar aggravju jitratta l-interpretazzjoni zbaljata li ghamlet l-ewwel Qorti dwar minn meta kellu jibda jiddekorri t-terminu preskrittiv, meta ddecidiet li s-sentejn kellhom jibdew jiddekorru mid-data tal-mewt tat-tifel, cioe` mis-27 ta' Ottubru, 2008, u mhux minn meta nhareg ic-certifikat tal-mewt mir-Registru Pubbliku fl-4 ta' Frar, 2010, jew minn meta l-isptar baghat ic-certifikat tal-mewt taghhom korrett lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, fis-7 ta' Dicembru, 2009. Dan meta l-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 jistabbilixxi li l-perjodu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri hlief minn

dakinhar li l-azzjoni relattiva tkun tista' tigi ezercitata. Issir referenza ghall-gurisprudenza fejn jinghad li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli tagixxi fil-kaz fejn l-ezercizzju ta' azzjoni processwali tkun tiddependi minn pronunzjament iehor u allura ma jistax jiddekorri t-terminu preskrittiv, peress li jkun hemm impediment legali. F'dan il-kaz, l-atturi appellanti jikkontendu li kellhom bilfors jistennew il-hrug tac-certifikat tal-mewt u r-rizultat tal-inkjesta sabiex setghu jagixxu. Ghalhekk jikkontendu li t-terminu preskrittiv ma setax jiddekorri qabel is-7 ta' Dicembru, 2009.

14. Jinhass il-bzonn li l-ewwel jigi trattat dan l-ahhar aggravju, li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa wiehed zbaljat. Ghalkemm huwa minnu li l-ligi tipprovdi li z-zmien tal-preskrizzjoni jibda ghaddej minn meta l-azzjoni tkun tista' tigi ezercitata, u jezistu cirkostanzi bhal per ezempju, fejn issir azzjoni minn sid ghall-kumpens minhabba zamma jew okkupazzjoni ta' gidu minn terzi minghajr il-kunsens jew titolu, l-azzjoni tista' titressaq biss sa minn dakinhar li tkun inqatghet il-kawza li tordna t-tnehhija tal-haga li tkun tinsab fil-gid tal-parti mgarrba. Dan huwa argument logiku u jsib sostenn minn numru ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna f'dan ir-rigward, ghaliex huwa minn dak il-waqt li n-natura ta' okkupazzjoni bi ksur tal-ligi ssir wahda definittiva u vinkolanti. Izda huwa ritenut li t-test li trid il-ligi, huwa dak oggettiv, dipendenti mill-fatti li fuqhom isejsu l-azzjoni taghhom l-atturi u mhux it-test soggettiv ghall-persuni tal-atturi, u *cioe`* jekk dawn

kinux jew le f'kundizzjoni li jagixxu. Din il-Qorti, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Raphael Micallef v. Anthony Agius**, deciza fis-6 ta' Ottubru, 2000, irriteniet illi:

> "*t-test li trid il-ligi allura kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt ta' l-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna ta' l-attur, u cjoe jekk din kienetx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni*"

15. Hekk ukoll, kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Gunju, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Grech et v. Stefan Borg**:

> *"Illi minhabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imharrek hija wahda estintiva tal-azzjoni attrici, jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tigi mibdija l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li actioni non natae non praescribitur. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jghallmu li: "Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere… (cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII. Par 364 pag 279). Izjed 'il quddiem izidu jghidu illi "La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale" (op. Cit. Par 393bis, pag 306);*
>
> *Illi gie stabilit ukoll li, ghall-finijiet tal-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni jmissha tinbeda titqies minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li, certament, in nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni valida biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel [ara sentenza Prim'Awla tal-25 t'April, 1964 fil-kawza flismijiet Alfred Delia vs John Terstaferrata Abela (kollez. Vol: XLVIII.ii.959)];"*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, huwa ritenut li fir-rigward ta' meta jibda jiddekorri l-perjodu preskrittiv fil-kaz odjern, huwa meqjus li kellha ragun l-ewwel Qorti tghid li l-perjodu preskrittiv jghaddi mid-data tal-mewt tat-tifel, peress li dan huwa l-avveniment dannuz li fuqu jsejsu t-

talba taghhom l-atturi. Ghalkemm huwa normali li f'kawzi simili jigi esebit ic-certifikat tal-mewt, kif gustament rilevat mill-appellat fir-risposta tieghu, wiehed m'ghandux bzonn ic-certifikat tal-mewt sabiex iressaq il-lanjanza tieghu quddiem il-Qorti. In-nuqqas tac-certifikat tal-mewt m'huwiex wiehed li l-assenza tieghu ser twassal ghan-nullita` jew l-invalidita` tal-atti processwali. Hekk ukoll, il-fatt li kien hemm inkjesta magisterjali pendenti dwar il-mewt tat-tifel, ma kellu jkun ta' ebda ostakolu li jinbdew il-proceduri civili, kif wara kollox isir f'bosta kawzi li jitrattaw per ezempju, incidenti tat-traffiku. Fil-fatt l-ezitu` ta' dawk il-proceduri huwa indipendenti mill-proceduri civili, tant li kif rilevat mill-istess appellanti, il-fatt li l-magistrat inkwirenti ma jsibx li jkun hemm l-elementi mehtiega sabiex jinghad li sehh reat, ma ghandu jkollu l-ebda effett kemm fuq it-terminu preskrittiv, f'kaz li l-fatt attribwit lill-konvenut xorta jinkwadra ruhu fid-definizzjoni ta' reat, kif ukoll fl-ezitu` ta' proceduri civili, fejn il-grad tal-prova mehtiega hija ferm differenti minn dik mehtiega f'kawza kriminali. Kwindi dan l-aggravju tal-appellanti ma jregix.

16. Mhux l-istess izda jinghad fir-rigward tal-aggravju principali tal-atturi. Ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti tqis li l-appellanti ghandhom ragun jilmentaw mid-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar l-applikabbilita` tat-terminu preskrittiv invokat mill-konvenut appellat, ghall-kawza mressqa minnhom. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **Rose Gauci et v. Donald Felice et,** (ikkonfermata wkoll b'sentenza ta' ritrattazzjoni tat-8

ta' Ottubru, 2009) hekk kif persuna tidhol u tintlaqa' fi sptar bhala pazjent, jinholoq rapport kuntrattwali bejniethom, imsejjes fuq il-kunsens tacitu ta' talba ta' servizz u tal-ghoti ta' dak is-servizz. Fil-fatt inghad hekk:

> *"Il-materja ta' responsabbilita` ta' professjonist mhux daqshekk zviluppata hawn Malta, u s-sitwazzjoni hi ftit fluida peress li ma tezisti ebda ligi li b'mod partikolari tiddefinixxi l-grad ta' diligenza li ghandu jimmmanifesta tabib. Hekk ukoll mhix daqshekk cara jekk ir-responsabbilita` ta' tabib taqax li tigi kkunsidrata taht aspett ta' kwazi delitt jew kuntratt. Fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Josephine Borg et v. Dr. Anthony Fiorini" deciza fit-18 ta' Lulju, 1994 il-bazi tar-responsabbilita` ta' tabib giet ezaminata fil-kuntest ta' kwazi delitt u saret referenza ghad-decizjoni moghtija fil-kawza "Victor Savona v. Dr. Peter Asphar", fejn ukoll intqal li tabib ikun responsabbli ghad-danni jekk, fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu, ma jezercitax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus pater familias.*
>
> *Jekk wiehed jezamina l-posizzjoni f'certi legislazzjonijiet barranin, isib li fl-Ingilterra l-posizzjoni stabbilita hija illi jekk pazjent qed jiehu kura taht in-National Health Service, ir-responsabbilita` tat-tabib hi regolata bil-ligi ta' kwazi delitt, filwaqt li jekk il-pazjent iqabbad tabib privat, ir-relazzjoni ta' bejniethom tkun naxxenti minn kuntratt. Din id-distinzjoni ssir in vista tal-fatt li taht in-N.H.S. il-pazjent ma jaghzilx hu lit-tabib, filwaqt li l-obbligu kuntrattwali tat-tabib hija lejn l-employer tieghu, li f'dan il-kaz ikun il-Gvern.*
>
> *Fl-Italja, min-naha l-ohra, ir-relazzjoni bejn pazjent u tabib hi dejjem dik ta' kuntratt, u hu rragunat illi malli tabib jiehu kura ta' pazjent taht idejh jinholoq kuntratt tacitu li in forza tieghu jobbliga ruhu li jaghti servizz lill-pazjent skond l-ahjar hila tal-professjoni tieghu.*
>
> ***Ghalkemm, kif inghad, il-posizzjoni hawn Malta giet ezaminata fil-kuntest tar-regoli ta' kwazi delitt, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar logiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tigi ezaminata fil-kuntest ta' kuntratt. Hu veru li kuntratt jehtieg il-kunsens ta' zewg partijiet, izda hu veru wkoll li dan il-kunsens jista' jkun tacitu, u anki implicitu, basta tkun tezisti l-volonta` fil-partijiet li jassumu loobbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imhallas mill-Gvern biex ikun ghas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoggi l-bzonnijiet tieghu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaccetta li jaghti s-servizz tieghu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta' dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tieghu skond l-ahjar hila tieghu. Jista' jinghad li tabib impjegat mal-Gvern ma jistax jirrifjuta li jaqdi pazjent, pero` jekk hu hekk, l-ghazla jkun ghamilha meta mpjega ruhu mal-Gvern**, u inoltre, tabib, allavolja impjegat, jibqa' professjonist u jekk ikun rinfaccjat b'kaz li mhux tal-hila tieghu, ghandu obbligu jghaddi l-kaz lil*

> *tabib aktar kompetenti minnu f'dik il-materja, u dan l-istess bhal kull tabib privat. Meta tabib, avolja impjegat, jaccetta li jikkura pazjent, jidhol f'relazzjoni diretta mieghu, relazzjoni kuntrattwali li tista' twassal ghall-hlas tad-danni f'kaz ta' inadempjenza*." (enfasi min din il-Qorti).

17. Ghalkemm dak il-kaz appena citat, kien jitratta r-relazzjoni bejn pazjent u tabib, din il-Qorti tqis li l-istess principji jghoddu wkoll ghar-relazzjoni bejn pazjent u sptar. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza aktar recenti ta' din il-Qorti tat-28 ta' Gunju, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Gauci et v. Tabib Ewlieni tal-Gvern et**). L-azzjoni attrici hija proprju msejsa fuq inadempjenza kuntrattwali, meta jinghad li wara li hadu lil binhom fl-isptar Mater Dei sabiex ifittxu s-servizz tas-sahha pubblika, il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern ipprovda s-servizz ta' tabib li nvista l-pazjent u ppreskrivielu xi medicini, izda baghtu lura d-dar u jinghad li binhom miet konsegwenza tan-negligenza u traskuragni li bihom gie trattat binhom fl-imsemmi sptar. Kwindi r-relazzjoni kuntrattwali li fuqha jsejsu t-talba taghhom l-atturi hija evidenti mir-rikors promotur. Ovvjament f'dan l-istadju, din il-Qorti m'ghandhiex tesprimi ruhha bl-ebda mod fir-rigward tal-mertu tal-kaz, gialadarba l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-mertu tal-provi. Jinghad biss li din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti zbaljat meta qieset li kien applikabbli l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ghall-kaz in ezami. Din il-Qorti lanqas ma hi tenuta tghid liema hu l-Artikolu tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami, peress li xoghol il-Qorti huwa biss li tezamina u tiddeciedi dwar il-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenut, sabiex tara jekk tkunx tghodd ghall-kaz quddiemha.

18. Maghmula l-konsiderazzjonijiet hawn qabel, din il-Qorti ser tilqa' l-aggravji tal-atturi appellanti fis-sens li m'huwiex applikabbli l-Artikolu 2153 eccepit mill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern, in kwantu l-imsemmi artikolu japplika limitatament ghall-azzjonijiet ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat u mhux ghall-hlas ta' danni naxxenti minn inadempjenza kuntrattwali.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-appell billi tilqghu u filwaqt li thassar is-sentenza appellata sa fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2153 u minflok tichad dik l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mit-Tabib Principali tal-Gvern u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti, sabiex jitkompla s-smigh fil-mertu, fl-istadju li kien qabel ma tressqet din l-eccezzjoni ulterjuri.

Bl-ispejjez kemm tal-ewwel grad, kif ukoll ta' dan l-appell, ihallashom il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm